# KAPITLU 3.   IL-WASLA TAL-GERMANIZI

Meta t-tewmin qamu l-ghada filghodu, l-ewwel haga li raw kien id-dawl tax-xemx diehel fil-kamra taghhom mit-tieqa tal-Lvant tal-kcina u ommhom, Madame Meraut, b'daharha mghawweg fuq in-nar. Fil-kcina kien hemm riha tfuh  ta' cikkulata u fuq il-mejda kien hemm bziezen tal-hobz u butir. Pierrre tmattar u ghorok ghajnejh. Pierrette dritta dritta ippruvat tahseb ghaliex kienet thossha mdejqa. Forsi l-verita' tal-biza li kienet qed tigri fit-toroq tal-belt ta' Rheims.

Ommhom wkoll qamet mir-raqda biex iggarab id-dieqa, imma ghajtitilhom, "Il-jum it-tajjeb, uliedi. Il-bierah filghaxija ma ridtux tmorru torqdu u llum filghodu ma tixtiqux  tqumu.Ejjew ilbsu malajr ghax ser inkunu tard."

"Tard fejn? staqsa Pierre.

"Ghax-xoghol fil-katidral," wegbitu ommu fil-pront. "Fejn tahseb? Tahseb li l-Germanizi ser izommuni hawn naqfula fid-dar u jbezzghuni waqt li x-xoghol jistennieni. Ikun min ikun li jiggverna Rheims, il-Katidral huwa hemm u jehtieg li jinzamm nadif."

Il-vuci kuraggjuza ta' ommhom tat hajja gdida lid-dinja indallma bil-grajjiet li kienu qed isehhu fil-pajjiz. Libsu f'tebqa t'ghajn u kielu l-kolazzjon. F'mohh Pierre gieh hsieb. "Ma, illum imissna li niehdu maghna hafna ikel. Ma tistax tghid ser jigri qabel

filghaxija. Forsi ma nkunux nistghu nirritornaw id-dar u jkollna norqdu fil-katidral."

"Hi x'wahda din," qalet Pierrette, "qalb l-oqbra?"

"Hemm postijiet ohra aktar aghar fejn wiehed jista' jorqod," qalet ommha. "Il-mejtin mhux ta'min jibza' minnhom u l-Katidral huwa l-post l-aktar sigur gewwa Rheims." Ommhom gabet qoffa u imlietha ikel bhal ma qalilha binha. Fost l-affarijiet li qieghdet fil-qoffa hija poggiet zewg flixken jam li ommha kienet ghamlet mill-frott li jikber fuq ir-razzett taghha.

Waqfet ghall-mument meta gieha hsieb: ommha u missierha kien jghixu go villagg zghir fil-punent ta' Rheims. X'jigri jekk il-Germanizi jirnexxilhom jaslu sa hemm? X'jkun id-destin taghhom? Dawn il-bezghat qaflithom gewwa fiha minghajr ma qalet xejn lit-tfal. "Jehtigilna li nieqfu ghand Madame Courdert biex nixtru aktar hobz ghax iz-zewgt ihniezer zghar tieghi kielu kull bicca li kelli fid-dar."

"Insejna l-bajd," issuggeriet Pierrette.

"Tassew, ghaziza tieghi," qaltilha ommha. "Nghalluhom u nohduhom maghna. Ghandhom nutriment kbir hafna." Harget borma zghira u waqt li l-bajd kien qed isir, hija u t-tfal raw I kollox kien ordnat fil-kcina qabel johorgu.

Kien wara d-disgha ta 'filghodu meta fl-ahhar l-omm qabdet il-qoffa u tat lil Pierrette s-suf taghha biex iggorru, u t-tlieta bdew nezlin it-tarag.

“Kollox jidher ezatt bhalma deher il-bierah,” qalet Pierrette hekk kif imxew ’l isfel fit-triq. “Hemm dak il-kelb li dejjem jimbah ghal Pierre, u hemm il-qattus ta’ Madame Coudert rieqed fuq il-poggaman, bhal kif dejjem.”

“Iva,” qalet ommhom, “il-qtates u l-klieb huma l-istess, huma l-bnedmin li jitbiddlu”.

Dahlu fil-hanut u sellmu lil Madame Coudert. Xtraw hobza twila u Madame Meraut kienet ghadha kemm fethet il-portmoni biex thallasha, meta nstemghet sparatura. Warajha ohra u ohra sakemm kien hemm baraxx ta’ sparaturi. “Jidher li huma l-Germanizi qed ihabbtu fuq il-bieb ta’ Rheims qabel jidhlu,” irrimarkat Madame Coudert. “Ma stennejtx li jidhlu bil-pulit.”

Madame Meraut ma tkellmitx. Ghal darba l-ilsien ferriehi taghha ma sab xejn ta’ konfort xi jghid. Pierre qabad ma dirghajha u Pierrette poggiet idha ma’ widnejha u tgezzet ma’ ommha.

Ghal xi hin il-hsejjes ta’ l-isparar kompla. Mit-tieqa tal-hanut ta’ Madame Coudert setghu jaraw nies jigru ghall-kenn minn kull direzzjoni. Ragel gie jigri minn Rue Colbert u dahal jistkenn fil-hanut ta’ Madame Coudert biex jiskansa xi gebel li waqghu ma’ l-isparaturi. Kellu xi haga x’jirrakonta. “Is-suldati germanizi baghtu messaggier ghand is-Sindku jitolbu ammont kbir ta’ provizzjon mill-belt u somma kbira ta’ flus,” qalilhom nifsu maqtugh. Qed jisparaw fuq il-kantini tax-Xampanja u bini iehor pubbliku tal-Belt biex ibezzghu lic-cittadini halli jtuhom kull ma jitolbu. L-armata shiha germaniza daqt tkun hawn.”

Ftit mumenti wara l-hsejjes tal-kanuni waqfu u fil-boghod instema’ hoss iehor. Kien kant ta’ vittorja hekk kif il-germanzi dahlu jimmarcjaw gewwa Rheims.

“Ghal issa kollox jibqa’ kwiet, naturalment ghal ftit,” qal dak ir-ragel wara li rkupra n-nifs. “Mhux ser jibbumbardjaw il-belt meta hija mimlija bin-nies taghhom. Sejjer narahom dehlin.”

Il-bezghat ta’ Pierre ghebu f’daqqa wahda. “Ejjew immorru ahna wkoll,” ghajjat bl-ecitament li hakmu.

“Jiena ma niccaqlaqx minn hawn,” qalet Madame Coudert b’ton sod. “Ma irridx nara germanizi u jekk iridu jarawni, jigu huma fejn qieghda jiena.”

Imma Pierre ma qaghadx jistenna risposta minghand ommu jew xi hadd iehor. Kien gia harab jigri fit-triq lejn il-pjazza.

“Aqbdu, waqqfu,” ghajtet ommu.

Pierrette taret ghal wara huha u billi kienet tigri daqs ir-rih, lahqitu u qabditu mill-qmis. “Ieqaf, ieqaf. Ommi ma tridekx li tmur.”

Pierre sar indannat daqs xitan meta ra li ohtu zammitu u ma setghax ikompli jigri. “Hallini,” ghajjat, “ Jiena sejjer. Ma nibzghax mill-ebda germaniz haj.”

Hekk kif ommu waslet tileg u minghajr nifs, gebditlu wahda widnejh il-leminija. Dan kellu effett immedjat ghax waqaf milli jkompli jithabat billi beza’ li jitlef widintu.

“Ja iblah,” wissietu ommu. Kemm tinkwetani. Iva tarahom il-germanizi, imma tkun mieghi. Jekk ninfirdu, Alla biss jaf jekk insibux lil xulxin mill-gdid.”

Il-muzika bdiet tghola u issa kienet vicin. “Hallini. Ser noqghod mieghek. Ejja. Iddumx. Arak, anqas biss trid ticcaqlaq.”

“Ejja Pierrette,” qaltilha ommha, “inti zommlu idu l-leminija u jiena niehu hsieb idu ix-xellugija.”

It-tlieta imxew it-triq u ma damux ma waslu f’salib it-toroq fejn quddiem ghajnejhom tfaccat spettaklu kbir. Regiment shih ta’ kavalerija kien ghaddej, ikanta l-innu "Lieb Vaterland, macht ruhig sein” bix-xemx tlellex fuq l-elmijiet taghhom. Warajhom gew is-suldati, mijiet u mijiet minnhom.

“Qishom xmara ta’ nies,” esklamat Pierrette lil ommha.

Ommha ma wegbitx. Pierrette harset lejha. Id-dmugh beda’ niezel ma’ haddejha; harset ukoll lejn nies ohra u bhal ommha kienu qed jibku fis-silenzju.

Pierre lissen, “Stennew ftit iehor sakemm nikber, imbaghad ikollkom thallus ghal dan, ja hallelin…”

“Shi, bizzejjed li ma jmorrux jisimghuk,” qaltlu ohtu.

Imma l-armata germaniza ma kienitx destinata li tghaddi mill-konsegwenzi tar-rabja ta’ Pierre. Ommhom kaxkrithom minn quddiem dik ix-xena ghax ma felhitx izjed.

“Ma niflahx innizzilhom, imma li kieku nista’ niffaccjahom b’azzarin, allura tkun haga differenti,” qalet l-omm.

L-omm flimkien mat-tewmin, ghaddiet minn toroq ohra sakemm waslet il-Katidral. Hemm iltaqa' maghhom Henri li qalbu ukoll kienet sewda ghad-dhul ta' l-armata germaniza f'Rheims.

"Kuragg ghandek li tohrog waqt li kien qed jibbumbardjawna; fik ma hemm ebda biza'," qalilha Henri.

"Tiggudikanix, Henri," qaltlu Madame Meraut. "Issa billi toqghod id-dar u titrieghed bil-biza' f'darek? Ma inti sigur imkien u hawn ghal linqas hawn ix-xoghol x'taghmel."

"U inti tibqa' sejra bix-xoghol normali tieghek filwaqt li barra jisparaw u l-germanizi jimmarcjaw f'Rheims?" esklama Henri.

"Ghaliex le?" wegbitu Madame Meraut. "Nahseb li s-suldati taghna ma jippakjawx u jitilqu meta jisimghu xi kanun jew jaraw xi ftit Germanizi jidhru fit-toroq! Ikun tal-misthija li kieku ma nimxux fuq l-ezempju taghhom!"

"Antoinette tassew inti mara ta' l-ghageb. Dejjem hekk hsibt fuqek u dejjem hekk ghidt," iddikjara Henri. "Tassew ghandek kuragg daqs ragel."

Madame Meraut tbissmet u flimkien ma' uliedha kompliet it-tindif ta' l-art fil-kappelli laterali tal-katidral.

Filwaqt il-jum kollu l-kanuni fil-boghod ma waqfux jisparaw Antoinette flimkien ma' uliedha raw li kull fejn naddfu kien nadif daqs tazza.  F'nofsinhar sabu roqgha mdawla u mwarba fil-katidral u hemm kielu mill-ikel li gabu maghhom fil-qoffa.

Wara jum xoghol iebes, huma hargu fit-toroq meta kwazi kien qed jidlam. Sabuhom mimlija germanizi, jixorbu u jkantaw fost it-tifrik ta’ l-ewwel bumbardament.

Qabel ma dahlu id-dar, sellmu lil Madame Coudert u Madame Meraut qaltilha, “Ghadek hawn hux?”

“Sa issa hekk jidher, ghada ma nafux.” U t-tlieta hargu mill-hanut u erhewla lejn Rue Charly fejn kienu joqghodu.

Madame Meraut fethet il-bieb u lil uliedha qaltilhom, “Kollox ghadu kif hallejna. Ghal inqas ghandna lejl iehor fid-dar taghna.” U qaflet il-bieb minn gewwa.